# Sajjieda tal-Bnedmin u Appostli tal-Ġnus
## Adorazzjoni Ewkaristika
## Il-Ħames Ħadd Matul is-Sena Ċ
## u s-Solennità l-Appostlu Missierna San Pawl
## Frar 2025

### Innu għal waqt l-Espożizzjoni

### Viżta lil Ġesù Ewkaristija
Kristu, ferħ u hena tagħna,
għajn ta' salvazzjoni sħiħa,
lejk induru fit-talb tagħna
biex kull qima w ġieħ nagħtuk.

*Missierna, Sliema, Glorja*

Isma' kribna li bil-ħrara
lejl u nhar kuljum illeħnu
għax bil-ħalel kbar fil-ħajja
mingħajr heda imħabbtin.

*Missierna, Sliema, Glorja*

Kien fuq xtajtet il-għadira
li 'l-appostli inti sibthom
u b'sajjieda ta' kull bniedem
inti ġbarthom tiegħek qrib.

*Missierna, Sliema, Glorja*

Kien ukoll il-mewġ tal-baħar
li fuq artna l-fidi wassal
meta 'l Pawlu bgħatt f'gżiritna
bħal musbieħ tiegħek għall-ġnus.

*Missierna, Sliema, Glorja*

Issa wkoll nitolbuk tibqa'
hawnhekk magħna fuq din artna
sabiex l-ebda riħ ma jitfi
il-ħuġġieġa tat-twemmin.

*Missierna, Sliema, Glorja*

Ġieħ u sebħ għal dejjem, Kristu,
li ma tħalli qatt waħedha
mal-imwieġ tissara l-Knisja
fit-tbaħħir sa tul iż-żmien. Ammen.

Skont il-fehma tal-Papa: *Missierna, Sliema, Glorja*

Fl-ewwel jiem ta' dan ix-xahar ta' Frar—li bil-ħrara nitolbu li jfawwar il-bjar li dis-sena ma meliex Jannar—il-liturġija tpoġġi quddiemna l-Ħames Ħadd ta' Matul is-Sena Ċ u s-Solennità tal-Appostlu Missierna San Pawl, Patrun ta' Malta, il-Ħadd u t-Tnejn li ġej—żewġ ċelebrazzjonijiet liturġiċi li, kif ġew il-ġranet ta' din is-sena, se jitgħaqqdu f'kobba waħda bejn id-9 u l-10 ta' Frar. Fiż-żewġ ġranet huwa San Luqa li jieħu l-post ta' prominenza fil-Liturġija tal-Kelma permezz taż-żewġ kotba tiegħu li nsibu fit-Testment il-Ġdid—l-Evanġelju u l-Atti tal-Appostli. U ħaġa tal-għaġeb kif, fil-providenza tiegħu, il-Mulej f'dal-jumejn se jibni pont bejn dawn l-ewwel u t-tieni volum tal-opra letterarja mqaddsa tal-Evanġelista Luqa li jibda l-missjoni pubblika ta' Ġesù u jagħlaq dik ta' Pawlu kważi bl-istess mod: fir-raba' u l-ħames kapitli tal-Evanġelju jibda b'laqgħa mal-Lhud fis-sinagoga tar-raħal tiegħu fejn juri pubblikament li hu l-Messija—laqgħa li ma tantx tispiċċa tajjeb—u jkompli bis-sejħa ta' Pietru u sħabu fuq dgħajsa fil-baħar tal-Galilija li jmorru warajh bil-mandat li jsiru sajjieda tal-bnedmin; imbagħad fl-Atti tal-Appostli jagħlaq permezz tar-rakkont tan-nawfraġju tal-ġifen li fuqu kien priġunier Pawlu fi triqtu lejn Ruma fejn jirċievi mandat appostoliku mfisser mill-kmand divin li jeħtieġ jaħbtu ma' gżira sabiex hekk l-Evanġelju jkun beda tassew jilħaq lill-ġnus kollha—anke dawk li ma kinux parti mid-dinja Griega-Latina—u, wara li tgħaddi x-xitwa, isalpa mill-ġdid lejn Ruma fejn hemm ukoll jitlob li jiltaqa' mal-Lhud tal-belt eterna li, għall-kuntrarju ta' missirijietna, xorta waħda jibqgħu sal-aħħar ma jilqgħux l-aħbar it-tajba ta' Kristu li tagħha Pawlu kien priġunier-ħabbar.

## Innu Ewkaristiku

**Qari mill-Evanġelju skont San Luqa** (8, 22-25)
Darba fost l-oħrajn tela' fuq id-dgħajsa mad-dixxipli tiegħu u qalilhom: "Ejjew naqsmu għax-xatt l-ieħor tal-għadira." U qadfu 'l barra. Huma u sejrin, marret għajnu bih. U qam riefnu kbir fuq l-għadira, id-dgħajsa bdiet timtela bl-ilma, u sabu ruħhom f'qagħda mwiegħra. Għalhekk resqu lejh, qajmuh u qalulu: "Mgħallem, Mgħallem, se nintilfu!" Hu qam, ordna lir-riħ u lill-mewġ imqalleb, u dawn siktu u waqgħet il-kalma. U qal lid-dixxipli: "Fejn hi l-fidi tagħkom?" Qabadhom il-biża', u mistagħġba bdew jgħidu lil xulxin: "Dan min hu, mela, biex jordna saħansitra lill-irjieħ u lill-baħar u huma jisimgħu minnu!"

**Il-Kelma tal-Mulej.**
*R/.* Tifħir lilek, Kristu.

Mulej Ġesù, b'mod poetiku nistgħu nistħajlu li r-rakkont tas-sejħa ta' Pietru u dak tal-vjaġġ u n-nawfraġju ta' Pawlu jsibu s-sintesi tagħhom f'dan ir-rakkont dwarek li tikkalma t-tempesta. Minn banda għanda l-istess dixxipli miegħek, possibbilment fuq l-istess dgħajsa, li jinħakmu mill-biża' minkejja li diversi drabi kienu diġà xehdu għas-setgħa kbira tiegħek li tkisser blat il-qlub, taħfer id-

dnubiet, u trodd il-frott tal-ħidma tal-bniedem li mingħajrek hi inutli u ma tiswa xejn. Mill-banda l-oħra, Pawlu, wara skiet li jtul ġranet, bħal donnu jistenbaħ minn raqda u, imnebbaħ bil-pjan tiegħek imwassal permezz ta' anġlu, iqum u jserraħ ras kulħadd li, għar-rieda tiegħek li ma tistax titfisser mill-ħsieb limitat tal-bniedem, ħadd minn dawk li kienu miegħu fuq il-ġifen ma kien se jintilef. Il-baħar li ma jroddx għixien biex dawk li ridthom għalik jaslu li jħallu kollox u jiġu warajk. Il-baħar li jipprova jeqred kull tama ta' salvazzjoni. Il-baħar kalm li fis-skiet ilaqqa' lil Pietru mal-kobor tiegħek u x-xejn tiegħu hekk li jinħakem mill-biża', imma inti sserraħlu qalbu bil-kelma "Tibżax!" Il-baħar imqalleb li bil-mewġ tiegħu bħal donnu qed jaħtaf taħt difrejh lill-baħħara, is-suldati, il-vjaġġaturi, l-iskjavi u l-priġunieri—ilkoll l-istess quddiem mewt li tidher imminenti—u li fih xorta twassal twissija li tagħmel il-qalb lil kulħadd.
X'misteru, hux? Misteru miġbur flimkien fil-persuna tiegħek rieqed u xorta waħda fil-kontroll. X'paradoss hu dan, li aħna qajla għandna sabar inġarrbuh! Minnek nippretendu interventi diretti u spettakolari għax nafu li dawn inti għamilthom u għadek tista' tagħmilhom. U din hija stqarrija ta' fidi. Imma daqstant ieħor hija stqarrija iktar erojka ta' fidi li nemmnu li la inti fuq id-dgħajsa—jew aħjar, aħna miegħek fuq id-dgħajsa tiegħek, li hi l-Knisja—m'hemmx għalfejn ninħakmu mill-biża' imma nistgħu nqawwu qalbna li, bis-sewwa jew bid-dnewwa, biċċa sħiħa jew xi ftit imxellfin, ilkoll nistgħu naslu sal-port tas-salvazzjoni—san-naħa l-oħra—jekk nibqgħu miegħek fid-dgħajsa, qalbna mistrieħa fik, bla ma nippruvaw naħarbu, u lanqas nitgħażżnu u nintelqu imma nibqgħu nitħabtu mal-mewġ u nużaw id-doni li tajtna sabiex l-ekwipaġġ kollu—li hu l-Knisja vera u proprja—jasal l-art qawwi u sħiħ. Daqqa se teħlisna billi tikkalma l-maltemp. Drabi oħra se tagħtina l-qawwa u l-għaqal biex nibqgħu nbaħħru qalb il-ħalel għolja. Xorta waħda: int, u inti biss tibqa' t-tama tagħna, l-ankra soda li titniżżel fil-baħar biex tħarisna imma li wkoll tittella' biex nibqgħu nsalpaw sa fejn tridna inti.

## Innu Ewkaristiku

Però int, Mulej Ġesù, ma tehda qatt tissorprendina għax, saħansitra fil-Kotba Mqaddsa mogħtija minnek lilna, inti toffrilna wkoll kliem li jixbah lill-karba kiebja tad-dixxipli tiegħek biex tqum. F'numru ta' Salmi nsibu versi li fihom int tagħtina din l-istess karba-talba: "Qum, Mulej, bil-qilla tiegħek, ieqaf kontra s-saħna tal-għedewwa tiegħi; stenbaħ, u agħmilli l-ħaqq li int ordnajt" (Salm 7, 7); "Stenbaħ u qum biex tagħtini raġun, biex taqbeż għall-kawża tiegħi, Alla tiegħi u Sid tiegħi" (Salm 35, 23); "Qum! Għax int rieqed, Sid tiegħi? Stenbaħ! La twarrabniex għal dejjem. Għaliex taħbi wiċċek minna?" (Salm44, 24-25a).
Imma, għidilna, Mulej, x'differenza tgħaddi bejn dan it-tnehid li offrejt lill-qalb miġrugħa tagħna fl-għanjiet li bihom nebbaħt is-salmisti, minn banda, u, mill-banda l-oħra, il-karba tad-dixxipli fuq id-dgħajsa, u l-biża' ta' sħab Pawlu fil-vjaġġ, u l-biża' ta' Pietru li kważi jrid jaħrab 'il bogħod minnek? Hemm, iva,

differenza, u din turihielna inti stess: tad-dixxipli hija karba ta' paniku li tinsa l-qawwa setgħana tiegħek li, ġaladarba hemm inti magħhom, id-dgħajsa ċkejkna u fraġli tagħhom xorta se tibqa' tofroq il-mewġ; dik tas-salmisti hija stqarrija ta' fidi f'din il-qawwa, fidi tant qawwija li ma tħalliniex friski bħal ħassa imma tqanqal ġewwinina biex induru lejk u nitolbuk b'saħħa u b'ras iebsa daqs tal-baħar li ma ċċedix imma tibqa' titlob sakemm inti tagħmel xi ħaġa. U inti dejjem tagħmel xi ħaġa: daqqa teħlisna, u daqqa tqawwina biex nibqgħu naqdfu fil-maltemp, imma qatt ma tibqa' indifferenti. Huwa aħna li, jekk qalbna ma tibqax titniehed ta' kuljum, hemm ċans kbir li ma nindunawx biż-żiffa ħelwa u ħiemda tiegħek u nsiru indifferenti għalik u għal dak li qed jiġri madwarna.

*(adorazzjoni fis-skiet)*

Mulej Ġesù, b'wiċċna sfiq, miġburin quddiemek kollna fidi fik, aħna wkoll se nitolbuk tqum u tisma' t-talb ta' interċessjoni tagħna għall-Knisja u għad-dinja, kollna tama fis-salvazzjoni tiegħek li wrietna ċar li, bik magħna u aħna miegħek, ma jistax ikun li nintilfu.

- Kun l-arblu tal-qlugħ u l-ankra tad-dgħajsa tal-Knisja tiegħek sabiex, qalb il-mewġ li jħabbatha, tiftaħ il-qlugħ tagħha għal nifs l-Ispirtu tiegħek biex iwassalha fejn tixtieq inti. Nitolbu.
- La tibqax sieket, Mulej, quddiem il-mibegħda, l-inġustizzja, il-firda, u l-gwerra fid-dinja, iżda qawwi qlub il-bnedmin biex jirreżistu dak kollu li jġib il-mewt u l-vjolenza. Nitolbu.
- Ukoll jekk ta' spiss inħossuna bħal dgħajsa li se tegħreq, agħtina ċ-ċertezza fil-qalba tal-qalba ta' ruħna li, ġaladarba inti magħna u aħna miegħek, żgur li m'aħniex se nintilfu. Nitolbu.
- Żejjen lil dawk li għażilt bħala mexxejja tal-poplu tiegħek, partikularment fil-gżejjer tagħna, bl-umiltà ta' Pietru u l-kelma soda ta' Pawlu sabiex imexxuna tul it-triq tal-verità li waħedha twassal għall-ħajja.
- Kompli sejjaħ minn fostna żgħażagħ ġenerużi li, quddiem il-mewġ, l-inċertezzi, u l-biżgħat kollha, ma jaqtgħux qalbhom imma jħalluk tibdilhom f'sajjieda tal-bnedmin. Nitolbu.
- Ħares lil art twelidna minn kull għawġ u għamel li, dawk kollha li jinsabu fuq din il-blata-ġifen f'nofs ta' baħar, iħabirku flimkien għall-ġid komuni u l-ħarsien tad-dinjità ta' kulħadd. Nitolbu.

Mulej Ġesù, wieqaf sod mislub, merfugħ 'il fuq, ma tiċċaqlaqx f'dinja mqallba li dejjem tinbidel, wassal dan it-talb tagħna lill-Missier sakemm ilkoll naslu sax-xtajtiet ta' dejjem bil-qawwa tiegħek, li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem. Ammen.

## Barka Sagramentali